**31 ta' Jannar 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino, B.A., LL.D.**

L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et

*versus*

Nazzareno Bonnici
u b'digriet tas-7 ta' Mejju, 1991,
il-Qorti ordnat li jidħol fil-kawża in statu et terminis
Maurice Cordina Borg

## Inċident Stradali - Danni

*L-entita tal-ħsara u l-gravità tagħha hi materja li għandha tiġi stabbilita oġġettivament u mhijiex meħtieġa allura l-awtorizzazzjoni ta' l-awtur tal-ħsara jew ta' min qed jassigurah biex parti danneġġjata li ma tkunx tista' validament tissewwa tiġi mibdula.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-28 ta' Frar, 1991, li bih l-attur nomine et wara li ppremetta illi filwaqt li kien qiegħed isuq it-Truck numru tar-reġistrazzjoni R-7299 fil-25 ta' Awissu, 1990, ġewwa l-Mosta, il-konvenut, bi traskuraġni, imperizja u negliġenza ħabat fil-karozza numru X-3644, tal-marka Ford Fiesta, misjuqa minn A W Donald u proprjeta' ta' l-attur John Micallef u kkaġuna danni inġenti fl-imsemmija karozza X-3644 u li l-imsemmija karozza X-3644 kienet assigurata ma' l-attur Dottor Stephen Thake nomine taħt polza "*comprehensive*" u in

vista dan, l-istess Dottor Stephen Thake nomine għamel tajjeb għal porzjoni sostanzjali tad-danni kkaġunati mill-konvenut fl-imsemmija karozza X-3644, kif ikkontemplat mill-imsemmija polza u ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' l-imsemmi attur John Micallef;

U wara li ppremetta illi nonostante l-ħlas magħmul mill-imsemmi attur Dottor Stephen Thake nomine, l-attur l-ieħor John Micallef nomine sofra danni bħala konsegwenza tal-kolliżjoni fuq imsemmija illi għalihom ma kienx kopert taħt il-polza ta' l-assigurazzjoni li għalhekk ma ġiex risarċit għalihom u li nonostante illi l-konvenut, meta ġie interpellat biex jersaq għall-ħlas tad-danni minnu kkawżati huwa baqa' inadempjenti.

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Qorti għar-raġunijiet premessi u f'ġudizzju wieħed a tenur ta' l-artikolu 156A tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident stradali tal-25 ta' Awissu, 1990, fuq imsemmi u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali subiti mill-attur Dottor Stephen Thake nomine fis-somma ta' LM856.50 jew somma verjuri illi tiġi llikwidata minn din il-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur Dottor Stephen Thake nomine, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' LM856.50 jew dik is-somma verjuri illi tiġi hekk likwidata minn dina l-Qorti;

4. Tillikwida d-danni konsegwenzjali subiti mill-attur

John Micallef fis-somma ta' LM191.00 jew somma verjuri illi tiġi llikwidata minn din il-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur John Micallef, *in linea* ta' danni, is-somma ta' LM191.00 jew dik is-somma illi tiġi hekk illikwidata minn dina l-Qorti;

Bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tat-22 ta' Jannar, 1991 kontra l-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 1991, li bih ordnat li jidħol fil-kawża *in statu et terminis* lil Maurice Cordina Borg in rappreżentanza tal-Cordina Insurance Agency Limited u din in rappreżentanza tal-Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża li biha eċċepixxa:-

1. Illi l-ewwel domanda saret inutilment għax l-esponent, *bħala* assiguratur tal-konvenut u f'isem dan, ilu żmien li aċċetta responsabbilta' għall-inċident u danni konsegwenzjali u l-problema baqgħet biss dwar il-"*quantum*" tad-danni. Għalhekk din it-talba għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż kontra l-attur nomine...

*Omissis*;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju, 1991, li bih il-Qorti nnominat lill-Joseph Zammit, bħala perit tekniku biex jirrelata

dwar id-danni rreklamati, wara li jeżamina l-vettura ta' l-attur u d-digriet tagħha tad-9 ta' Diċembru, 1991, li bih dan l-espert tekniku ġie sostitwit b'Joseph Buttigieg bl-istess inkarigu;

Rat ir-relazzjoni verbali ta' l-espert tekniku permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu quddiem il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti.

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-30 ta' Novembru, 1993, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawża l-atturi qed jirreklamaw il-pagament mill-konvenut ta' danni konsegwenzjali għall-inċident stradali msemmi fiċ-ċitazzjoni. Kif fuq irreġistrat l-ewwel talba ta' l-attur rigward ir-responsabbilta' għas-sinistru, hi ammessa, u l-kawża hi llum limitata għal-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna għall-ħlas tagħhom;

L-atturi qed jitolbu l-ħlas ta' LM856.50 , jew somma verjuri, dovuti lid-ditta assiguratriċi attriċi bħala surrogata fid-drittijiet ta' l-attur John Micallef proprio et nomine kontra l-konvenut u s-somma ta' LM191.00, jew somma verjuri, dovuta lill-istess Micallef nomine. B'kollox is-somma ta' LM1,047.50. Id-ditta assiguratriċi intervenuta fil-kawża aċċettat li tħallas biss is-somma ta' Lm796.42, a saldu u bagħtet "*cheque*" għal dan l-ammont lid-ditta assiguratriċi attriċi, li pero' ġie minnha rrifjutat;

**Rigward l-ammont pretiż mingħand id-ditta**

**assigurattriċi intervenuta fil-kawża;**

Ir-rappreżentant ta' din id-ditta, Maurice Cordina Borg, hekk xehed:-

"*Nikkonferma illi d-diverġenza bejn l-assigurazzjoni (kif irrappreżentata) fir-rigward tad-danni kienu l-partiti indikati minni, jiġifieri,* ***l-axle u l-istud*** *tal-karozza u r-rata li biha nkriet (il-karozza alternattiva mill-attur)...*"

In kontro-eżami jikkonferma:-

"*Qed niġi mistoqsi illi jekk lill-Qorti jirriżultalha illi l-"axle u l-istud" kellhom jinbidlu, allura l-ammont irreklamat mid-ditta Laferla Insurance hu korrett,* ***jien nirrispondi fl-affermattiv***";

Fuq dan il-punt, is-"*Surveyor*" tad-ditta intervenuta ma qabilx ma' l-atturi li kellhom jinbidlu. L-intervenut fil-kawża jsostni inoltre illi hu kellu jiġi avżat qabel jinbidlu l-"*parts*" u li dawn ma' kellhomx jinbidlu mingħajr l-awtorizazzjoni tiegħu. Dan mhux għal kollox korrett. Ftehim ma' min jikkaġuna l-ħsara u ma' min jassumi responsabbilta' biex jagħmel tajjeb għaliha, hu awspikabbli, in kwantu jnaqqas l-ispazju għal-litiġju minn naħa u jiffaċilita l-prova tad-danni min-naħa l-oħra. Però l-entità tal-ħsara u l-gravità tagħha, hi materja li għandha tiġi stabbilita oġġettivament u mhiex meħtieġa allura l-awtorizazzjoni ta' l-awtur tal-ħsara jew ta' min qed jassigurah, biex parti danneġġjata li ma tkunx tista' validament tissewwa tiġi mibdula. Fil-każ in eżami l-Qorti għalhekk għandha normalment issegwi l-opinjoni teknika ta' l-espert minnha nominat. Dan hekk irrelata...

*Omissis*;

Fid-dawl ta' din il-kostatazzjoni teknika. Il-Qorti ssib li l-

attur kien ġustifikat jinsisti fuq it-tibdil ta' dawn il "*parts*", kif fil-fatt inbidlu. L-ammont irreklamat mid-ditta assigurattriċi attriċi jiġi kkonsidrat, f'dan ir-rigward li hu korrett u dovut, kif anke aċċetat mir-rappreżentant tad-ditta assigurattriċi intervenuta fil-kawża;

**Rigward l-ammont pretiż mill-attur John Micallef;**

It-tieni ilment tal-konvenut u punt ta' diverġenza ma' l-attur John Micallef proprio et nomine u jirrigwarda il-"*loss of use*". Micallef qed jaġixxi għan-nom tad-ditta Swift Garage. Hu qed jippretendi telf *ta' użu ta'* erbgħa u għoxrin ġurnata, sakemm damet tissewwa l-karozza, bir-rata ta' sitt liri maltin (LM6.00) kuljum. Id-ditta assigurattriċi intervenuta fil-kawża taċċetta li għandha tħallas għal wieħed u għoxrin ġurnata (21) , u f'dan jidher li għandha raġun, iżda bir-rata ta' tliet liri u ħamsin ċenteżmu (LM3.50) kuljum. Issostni illi hi kienet informat lill-attur li kienet ippreparata tħallas biss sa dik ir-rata u li jekk hu ma jsibx jikri b'dan l-ammont, hi kienet pronta tipprovdilu karozza minn *garage* li miegħu kellha arranġament b'din ir-rata. L-attur jiċħad li saret din l-offerta;

Il-Qorti hi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti u kontradittorji. Fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verżjoni tad-ditta assiguratriċi intervenuta, ma tistax il-Qorti tqis il-verżjoni tar-rappreżentant tagħha bħala pprovata. *Min jallega* jrid jipprova. Mill-banda l-oħra jirriżulta li ż-żmien relattiv għal "*loss of use*" kien fl-istaġun turistiku meta l-kiri ta' karozza bir-rata ta' LM6.00, jitqies raġonevoli u solitu, anke jekk dan ma jnaqqasx il-possibilta' li d-ditta intervenuta setgħet kellha arranġament bi prezz aktar vantaġġjuż. Il-Qorti tikkonsidra wkoll li l-attur mhux qed jitlob il-ħlas għall-**kiri ta' karozza**, imma pjuttost għal **telf ta' qliegħ**, in kwantu il-karozza tiegħu, involuta

fl-inċident ma setgħetx f'dak il-perjodu li kienet tissewwa, tinkera lil ħaddieħor. Dan it-telf, f'termini reali għandu jiġi kkalkolat bir-rata ta' kiri kummerċjalment kurrenti fiż-żmien in kwistjoni. Dan kollu għax il-karozza involuta kienet waħda tal-kiri. L-attur qed jaġixxi in kwantu proprjetarju ta' *garage* li kellu l-karozzi għall-kiri u dana fi żmien, meta wieħed hu ġustifikat jassumi illi l-karozza tkun mikrija fil-ġranet kollha. Il-Qorti qed tillikwida l-"*loss of use*" għalhekk fl-ammont ta' Lm126.00, minflok LM144.00. L-ammont totali rreklamat mill-attur John Micallef proprio et nomine qed jiġi ridott bl-ammont ta' LM18.00 għal LM173.00;

Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif dedotti, b'dan illi l-ammont ikkanonizzat favur l-attur John Micallef proprio et nomine qed jiġi ridott għas-somma ta' mija u tlieta u sebgħin lira maltija (LM173.00) u daqshekk qed jiġi kkundannat iħallsu l-konvenut. L-ammont fir-rigward ta' l-attur Dottor Stephen Thake nomine jibqa' kif mitlub biċ-ċitazzjoni, u ċjoè jiġi kkanonizzat fl-ammont ta' tmien mija u sitta u ħamsin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (LM856.50);

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut barra dawk ta' l-intervenut fil-kawża li għandhom jigu ssopportati minnu stess;

Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont ikkanonizzat favur l-attur L-Avukat Dottor Stephen Thake nomine mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni lill-konvenut sad-data ta' l-effettiv pagament, filwaqt li l-imgħax fuq l-ammont illikwidat b'din is-sentenza favur l-attur John Micallef proprio et nomine, jiddekorri mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.